

Andrea ENRIA
President tal-Bord Superviżorju

Lis-CEO tal-Istituzzjoni Sinifikanti

SSM-2020-0763

Frankfurt am Main, 15 ta' Diċembru 2020

Politika ta' remunerazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-koronavirus (COVID-19)

Għażiż Sinjur/Għażiża Sinjura,

Il-BĊE jkompli jagħti attenzjoni mill-qrib lill-politiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji taħt is-superviżjoni tiegħu, u b'mod partikolari għal kull impatt li tali politiki jista' jkollhom fuq iż-żamma ta' bażi kapitali soda.

Wara l-pubblikazzjoni tal-ittra mill-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE fit-28 ta' Lulju 2020¹, il-BĊE mmonitorja mill-qrib id-deċiżjonijiet meħuda dwar ir-remunerazzjoni mill-istituzzjonijiet taħt superviżjoni. Il-BĊE jieħu nota tal-miżuri meħuda minn bosta entitajiet taħt superviżjoni biex jintroduċu aġġustamenti fil-politiki ta' remunerazzjoni tagħhom biex jillimitaw l-impatt ta' remunerazzjoni varjabbli fuq il-bażi kapitali tagħhom fil-kuntest tal-kriżi COVID-19.

Anki bit-titjib fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi u tnaqqis ta' inċertezza ekonomika minħabba l-pandemija COVID-19 minn Marzu 2020, il-livell ta' inċertezza jibqa' elevat b'impatt kontinwu fuq il-kapaċità tal-banek li jfassru l-ħtiġijiet kapitali tagħhom fuq medda medja ta' żmien. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għadhom mistennija li jiffokaw primarjament fuq iż-żamma ta' ammont xieraq ta' kapital biex jassorbu telf potenzjali u biex jappoġġjaw l-ekonomija reali billi jipprovdu kreditu lill-unitajiet domestiċi, negozji żgħar u kumpaniji.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jkompli jiggwida wkoll l-implimentazzjoni tal-aspettattivi superviżorji tal-BĊE stabbiliti hawn taħt, peress li s-sitwazzjonijiet ivarjaw konsiderevolment skont fatturi bħall-prattika tar-remunerazzjoni, il-mudell tan-negozju u d-daqs tal-istituzzjonijiet.

¹Ittra dwar il-politika ta' Remunerazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-koronavirus (COVID-19) (SSM-2020-0315) disponibbli fi https://www.bankingsupervision.europa.eu/press/letterstobanks/shared/pdf/2020/ssm.2020_letter_remuneration_policies_in_the_context_of_the_coronavirus_COVID_19_pandemic.en.pdf?da196e86bcae7c5670b6cb8fd84f7154.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-BĊE itenni l-aspettattiva tiegħu li l-istituzzjoni tiegħek tkompli tadotta moderazzjoni estrema fir-rigward ta' remunerazzjoni varjabbli sat-30 ta' Settembru 2021, speċjalment għal persunal identifikat (l-hekk imsejħa "dawk li jieħdu r-riskju materjali"), sa fejn jista' jaffettwa b'mod negattiv l-ammont jew il-kwalità tal-kapital totali tal-istituzzjoni tiegħek. Meta dan isir, l-istituzzjoni tiegħek għandha tqis debitament il-ħtieġa li tippreserva jew tibni mill-ġdid bażi kapitali soda fid-dawl tal-konsegwenzi possibbli tal-pandemija COVID-19. Għalhekk, aħna nistennew li l-istituzzjoni tiegħek tikkunsidra sa fejn hu possibbli li tnaqqas il-ħlas ta' remunerazzjoni varjabbli tagħha.

Fi kwalunkwe każ, jekk limitazzjoni fir-remunerazzjoni varjabbli ma tistax tiġi implimentata, l-istituzzjoni tiegħek għandha tikkunsidra jekk parti akbar mir-remunerazzjoni varjabbli tistax tiġi ddifferita għal perjodu itwal ta' żmien, kif ukoll tikkunsidra l-ħlas ta' remunerazzjoni varjabbli fi strumenti².

L-aspettattivi superviżorji mtennija hawn fuq m'għandhomx jesponu l-istituzzjoni tiegħek għal litigazzjoni jew riskju legali. Għaldaqstant mhumiex intenzjonati li japplikaw għal każijiet fejn l-istituzzjoni tiegħek hija suġġetta għal obbligu legali li tħallas ir-remunerazzjoni varjabbli.

L-impatt reputazzjonali tal-ħlas ta' remunerazzjoni varjabbli matul sitwazzjoni ta' kriżi globali m'għandux jiġi ssothovalutat – partikolarment fil-każ ta' ammonti individwali kbar – u għandu jiġi debitament ikkunsidrat, waqt li wieħed iżomm f'moħħu wkoll ir-rwol importanti li għandhom l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-ġestjoni tal-kriżi.

L-istituzzjoni tiegħek m'għandhiex ukoll tadotta miżuri li jikkompensaw lill-persunal għat-tnaqqis jew it-telf ta' remunerazzjoni varjabbli, minħabba li dawn ikunu jammontaw għal evazzjoni tad-dispożizzjonijiet regolatorji rilevanti u l-aspettattivi superviżorji tal-BĊE, u jtellfu milli jitlaħqu l-għanijiet ġenerali segwiti permezz tal-miżuri msemmija hawn fuq.

L-adegwatezza tal-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni tal-istituzzjonijiet se jiffurmaw parti mill-valutazzjoni superviżorja fi ħdan il-Proċess Superviżorju ta' Rieżami u Evalwazzjoni tal-2021.

Barra minn hekk, il-BĊE se jkompli jivvaluta l-implimentazzjoni ta' dawn l-aspettattivi superviżorji fid-djalogu li għaddej bejn l-istituzzjoni tiegħek u t-Tim Superviżorju Konġunt rilevanti taħt il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Jekk jogħġbokkom żommu lit-Tim Superviżorju Konġunt infurmat dwar kwalunkwe deċiżjoni li tirrigwarda l-politika ta' remunerazzjoni tagħkom. Miżuri superviżorji aktar stretti jistgħu jinħarġu wkoll fuq il-bażi ta' analiżijiet speċifiċi għall-istituzzjoni.

Fl-aħħar nett, dawn l-aspettattivi superviżorji huma relatati maċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ta' bħalissa u ser jibqgħu validi sal-aħħar ta' Settembru 2021. F'dak iż-żmien, fl-assenza ta' żviluppi negattivi materjali, il-BĊE fiħsiebu jmur lura għall-valutazzjoni tal-politiki u Prattiki tar-remunerazzjoni tal-banek fil-kuntest taċ-ċiklu superviżorju normali.

Dejjem tagħkom,

[iffirmata]

Andrea Enria

² Kif iddefinit fl-Artikolu 94(1)(l) CRD.